MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 252/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fis-16 ta' Mejju 1998 gewwa l-Knisja ta' San Bastjan, f'Hal Qormi, skond kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A**;

Illi l-kunsens tal-kontendenti, jew min minnhom, kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghalihom illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar is-16 ta' Mejju 1998, bhala null u bla effett fil-Ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta ma ppresentatx nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumacja skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attur u ta' omm l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-16 ta' Mejju, 1998 a bazi tal-Kapitolu 255 tal-

Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta hija kontumaci izda naturalment il-kontumacja m’hijiex ammissjoni, *multo magis* f’kawza simili ghax kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti... Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta’ zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero’ dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

L-attur ma ccita ebda artikolu partikolari tal-ligi izda mid-dicitura tac-citazzjoni jidher li qed jirreferi ghal 19 (1) (d) illi jsemmi *vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

Mill-provi mressqa mill-attur jirrizulta illi l-partijiet kienu jafu lil xulxin minn meta kienu zghar u zzewgu ta’ eta pjuttost zghira. Omm l-attur skonsiljathom li jizzewgu izda kif spiss jigri dan serva biex il-partijiet webbsu rashom. Madankollu mmedjatament wara z-zwieg kien jidher car li kien pass zbaljat anke jekk kellhom tarbija miz-zwieg. Jidher li billi kienu ghadhom zghar riedu jibqghu jghixu hajja ta’ guvni u xebba rispettivament u ma kellhom ebda hajra jissagrifikaw anke ftit hin biex isalvaw iz-zwieg u biex jghixu ta’ mizzewgin. Fil-

fehma tal-Qorti ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi annullat ai termini tas-sub-artikolu citat.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-16 ta' Mejju, 1998. L-ispejjes jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------